REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1293

tas-26 ta' Settembru 2018

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid lattitol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li huwa biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni li jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]), li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.

(3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' ikel ġdid u dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/450 ([3]), f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), awtorizzat it-tqegħid fis-suq tal-lattitol bħala ikel ġdid biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel f'kapsuli jew f'pilloli maħsuba għall-popolazzjoni adulta.

(5) Fit-22 ta' Marzu 2018, il-kumpanija DuPont Nutrition Biosciences ApS talbet lill-Kummissjoni biex jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid lattitol fis-sens tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-applikazzjoni talbet li fost il-forom permessi, jiġi inkluż il-lattitol f'forma ta' trab biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel.

(6) Il-Kummissjoni ma talbitx opinjoni mingħand l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel skont l-Artikolu 10(3) billi l-emenda tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid lattitol li titlob li fost il-forom permessi, jiġi inkluż il-lattitol f'forma ta' trab biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel, x'aktarx ma tħallix effetti fuq is-saħħa tal-bniedem.

(7) Il-livell massimu tal-lattitol awtorizzat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/450 bħala ikel ġdid biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel f'kapsuli jew f'pilloli huwa ta' 20 g/kuljum. Il-livell tal-użu propost tal-ikel ġdid lattitol fil-forma ta' trab fl-istess kategorija tal-ikel jikkorrispondi għall-ogħla livell li huwa awtorizzat bħalissa. Għalhekk, jixraq li jiġu emendati l-kundizzjonijiet tal-użu tal-lattitol biex jiġi awtorizzat l-użu tiegħu f'forma ta' trab fil-livell massimu awtorizzat eżistenti.

(8) L-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-applikazzjoni għat-tibdil tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid lattitol li titlob li fost il-forom permessi, jiġi inkluż il-lattitol f'forma ta' trab biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel, tikkonforma mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/450 tat-13 ta' Marzu 2017 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-lattitol bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 69, 15.3.2017, p. 31).
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

(9) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] tistabbilixxi rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. Il-forma addizzjonali tal-lattitol li trid tintuża fis-supplimenti tal-ikel jenħtieġ li tkun awtorizzata mingħajr preġudizzju għal dik id-Direttiva.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-entrata fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat kif prevista fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, li tirreferi għas-sustanza lattitol, għandha tiġi emendata kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

3. L-awtorizzazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/46/KE.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

[1] Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

ANNESS

L-entrata għal "Lattitol" fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 tiġi sostitwita b'li ġej:

L-ikel il-ġdid awtorizzat	Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn
"Lattitol	*Il-kategorija tal-ikel speċifikat*	*Livelli massimi*	Id-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikkettar tas-supplimenti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun 'Lattitol'"	
	Is-supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE (kapsuli, pilloli jew trab) maħsuba għall-popolazzjoni adulta.	20 g kuljum		